MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1100/2001/1

**Noel Camilleri**

**vs**

**Sharon Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Ottubru, 1998;

Illi l-kunsens ta' l-attur hu vizjat minhabba li nkiseb b'qerq, vjolenza morali u biza';

Illi z-zwieg huwa null stante li l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja

mizzewga jew stante li hemm anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta in vista tal-premess tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

**1)** Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti *ai termini* tal-**Kap 255 tal-Ligijet ta' Malta;**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista ta’ xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat illi ghalkemm il-konvenuta Sharon Camilleri giet notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fit-2 ta’ Jannar 2002 baqghet ma prezentat l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci.

Rat il-verbali tal-1 ta’ Frar 2002; tas-7 ta’ Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta w inghata digriet tal-affidavit lill-attrici ta’ 40 jum; tat-22 t’Ottubru 2002 fejn Dr Luciano Busuttil ghall-attur informa lill-Qorti li prezenta l-affidavits tal-istess *seduta stante* u ddikjara li hlief ghall-istess m’ghandux provi izjed u talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba u tat il-fakolta lill-konvenuta biex tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet taghha bil-visto lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta’ Frar 2003.

Rat li l-konvenuta ma prezentat l-ebda nota ta’ sottomissjonjiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI.

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur** qal:

*"Illi jien izzewwigt lill-konvenuta nhar it-3 t'Ottubru 1998 liema zwieg huwa insinwat bin-numru 1793/98. Niftakar li qabel ma zzewwigna konna ilna xi hames snin gharajjes".*

*"Matul l-ahhar sena ta' l-erghusija konna iffissajna d-data taz-zwieg li fil-fatt kien gie registrat. Madankollu, niftakar ftit qabel li konna ffissajna d-data taz-zwieg konna iggilidna sew tant li konna spiccajna. Ir-raguni il-ghala iggilidna kienet li l-konvenuta kienet riedet tiehu "break". Qaltli li riedet tmur tghix wahidha u fil-fatt kienet telqet mid-dar t'ommha u marret tghix fi flat f'Bugibba".*

*"Niftakar li dan il-"break" kien dam xi xahrejn. F'dawn ix-xahrejn qatt ma kont iltqajt mal-konvenuta u ma nafx x'kienet ghamlet. Niftakar li darba minnhom kienet cemplitli hi u talbitni biex nergghu niltagghu. Konna fil-fatt hrigna flimkien u minn dakinhar bqajna flimkien. Il-konvenuta qatt ma riedet titkellem fuq x'ghamlet f'dak ix-xahrejn imma wara dan il-"break" l-affarijiet bdew gejjin ghall-ahjar tant li konna iffissajna d-data taz-zwieg".*

*"L-affarijiet fiz-zwieg bdew tajjeb u l-hajja flimkien kienet felici. Irrid nghid illi jien minn dejjem kont nahdem fil-kostruzzjoni filwaqt li hi hija membru tal-Korp tal-Pulizija".*

*"Xi tlett xhur qabel iz-zwieg kienet qaltli li kienet tqila. Peress li konna ser nizzewwgu ma tantx hadtha bi kbira u hi dehret trankwilla wkoll. Bl-ebda mod ma kont*

*iddubitajt li seta' kien hemm xi haga. Pero` niftakar li darba fost l-ohrajn, qabel ma kienet qaltli li kienet tqila, meta kien qed ikollha x'naqsmu flimkien, il-konvenuta kienet heggitni, ghall-ewwel darba, sabiex l-att sesswali nikkonsumawh kollu sa l-ahhar. Kienet qaltli hekk ghax skond hi la konna ser nizzewwgu ma kienx hemm problemi".*

*"Xi sitt xhur wara li zzewwigna twieled tifel li semmejnieh Owen. Kollox kien jidher li sejjer tajjeb u kif ghammidnih jien tlaqt nahdem il-Libja. Kont indum hames gimghat hemm u gimghatejn hawn Malta".*

*"Xi sena u nofs wara li zzewwigna bdew ifeggu l-ewwel problemi matrimonjali. Niftakar li l-konvenuta kien ikollha hafna nervi u konsegwenza ta' dan konna niggieldu ta' spiss. Jiena kont naraha stramba kif kien ikollha dawn in-nervi ghal xejn b'xejn u kont nghidilha li kellha xi haga u ma riedetx tghidli biha. Pero` hi dejjem qaltli li kollox kien sew u ma kellha xejn".*

*"Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava ruhha sew tant li l-gimghatejn li kont nghaddi f'Malta konna nghadduhom niggieldu. Il-hajja konjugali kienet dizastru u spiccajna biex isseparajna. Fil-fatt isseparajna b'kuntratt bonarju fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo nhar it-2 t'Awissu 2001".*

*"Niftakar pero' li matul il-process kollu ta' separazzjoni kien gieni dubju dwar it-tifel jekk kienx tieghi jew le. Kienu hafna l-hbieb li kienu jghiduli affarijiet li kienu igeghluni nahseb dan. L-akbar dubju kien meta hu l-konvenuta kien tkellem f'dan is-sens li t-tifel ma kienx tieghi imma ta' haddiehor u cioe` r-ragel li mieghu kienet tghix il-konvenuta. Dan ghaliex hi kienet telqet mid-dar u marret tghix ma' dan ir-ragel".*

*"Fil-fatt xi xhur wara, hi kienet ammettiet mieghi li t-tifel ma kienx tieghi. Precizament hi kienet qalet liz-zija tal-mama tieghi Dona u hi infurmat lili kif gejt lura Malta. Bhalissa hemm ukoll citazzjoni fl-istess ismijiet ghad-denegata paternita` quddiem din il-Qorti kif preseduta."*

**(B) LIGI**

Illi dawn it-tlett premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur l-ewwel jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null inter alia a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**19 (1).** “*B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”.*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

“*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*” (**“Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici”** – P.A. 22 ta’ Novembru 1982).

Illi element importanti ta’ dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa immaterjali jekk tali qerq jorrigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa importanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta’ wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista’ jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f’ **“The New Marriage Law”** jghid li *“As t. J. Green puts it: “The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the ‘consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is*

*juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich* **P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **"Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova"** (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-

ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April

2000) u “**Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi mill-provi kollha prodotti dan gie soddisfacentement ippruvat stante li l-konvenuta hbiet mill-attur li qabel iz-zwieg kellha relazzjoni intima ma persuna ohra tant li harget tqila minnu, u dan kompla ggrava meta minhabba li sussegwentement hija kellha relazzjoni sesswali mal-attur, hija geghlitu jemmen li l-wild kien tieghu, mentri hija kienet taf, dak li llum l-attur skopra, li tali wild ma kienx tieghu; dan gie skopert biss wara iz-zwieg tal-istess attur mal-konvenuta, u abbazi ta’ dan kollu t-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu (1) (c) tal-Kap 255.**

L-attur isostni wkoll li l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

“(d) *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”.

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza “**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**” (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**” (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta’ ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of*

*mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi dwar l-ahhar prmessa tal-attur bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (f),** dan jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza “**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**” minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9

ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza "**Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**" (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba li ma hija ma kellhiex id-diskrezzjoni necessarja ghall-hajja mizzewga u ghad-drittijiet u obbligi naxxenti miz-zwieg, u wkoll ghaliex z-zwieg inkiseb bl-eskluzzjoni ta' elementi essenzjali ghaz-zwieg u dan da parte tal-konvenuta, stante li hija bdiet iz-zwieg ghal kollox fuq sieq hazina u lanqas biss kienet sinciera lejn l-attur, anzi mill-ewwel ingannatu bl-iskop li hija tizzewweg, meta hija kienet taf li jista' jkun li hija qed igorr tarbija ta' haddiehor, b'dan li jista' jinghad li l-konvenuta lanqas kellha sembjanza u wisq inqas kunsens veru w necessarju sabiex issir parti mill-attur fis-sens totali li z-zwieg jikkomprendi, ghaliex prezentat ruhha bhala haga li hija ma kienitx, konoxxja sew ta' dan kollu.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Ottubru 1998 *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------